A.L. 66 ta' l-1999

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI), (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' Lm10,000,000 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2007 (It-Tieni Ħruġ) minn Lm10,000,000 6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (L-Ewwel Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm10,000,000 6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (I) li għandu jitħallas lura fit-23 ta' April, 1999, jista' jinbidel fi *Stock* tal-Gvern ta' Malta li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza, il-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Lm10,000,000 6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (I) għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2007 (II) bil-5.9% kif ġej:–

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

2. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

3. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm10,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

4. Mid-data ta' l-għeluq, il-bilanċ li jkun jinsab fil-kreditu tal-Fond tal-Ammortizzament ta' 6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (I) jiġi trasferit għall-Fond ta' Ammortizzament ta' 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2007 (II) sabiex jinfeda l-i*Stock*. Barra minn dan, approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm25,000 mid-Dħul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni fl-istess Fond ta' Ammortizzament. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.95 għal kull Lm100 *Stock* għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-23 ta' April u fit-23 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu mill-24 ta' April, 1999 sat-23 ta' Ottubru, 1999 għandu jsir fit-23 ta' Ottubru, 1999.

Fidwa ta' Stock.

6. L-i*Stock* jinfeda b'parità fit-23 ta' April, 2007.